MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2009

Appell Civili Numru. 2607/2000/1

**Nicholas Albert Critien**

**v.**

**Maik Metz**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Lulju 2006. Il-fatti li taw lok ghal dan il-kaz huma, in sintesi, is-segwenti:

- B'effett mill-1 ta' Mejju 2000 sa' Novembru ta' dik l-istess sena l-attur kien impjegat mas-socjetà Dive Factory Services Limited, li taghha l-konvenut huwa d-Direttur;

- Skond l-attur, hu kien hallas lill-konvenut is-somma ta' Lm7,000 [illum ekwivalenti ghal €16,305.61] u dana, dejjem skond hu, bhala depozitu versu negozju li hu u l-konvenut kellhom jiggestixxu flimkien tramite kumpanija gdida, kostitwita b'ishma indaqs bejniethom u li kellha tissemma' Dive Culture Services Limited, li kellu jkollha l-iskop li toffri lill-klijenti taghha servizz ta' avventuri tat-tip *jeep safaris* u *absailing*;

- Din il-kumpanija baqghet ma gietx iffurmata u n-negozju ta' bejn l-attur u l-konvenut baqa' ma sehh qatt. L-attur ghalhekk talab lill-konvenut jirrifondilu s-somma ta' Lm7,000 li, skond hu, kien tah bhala depozitu versu dan in-negozju;

- Il-konvenut cahad li qatt ftiehem ma' l-attur illi kienu ser joholqu negozju bejniethom u li kienu ser jikkostitwixxu kumpanija b'ishma indaqs bejniethom. Skond il-konvenut is-somma ta' Lm7,000 thallset mill-attur akkont tal-prezz ta' truck tal-marka Magrius Deutz akkwistat mill-istess attur u fil-verità mhux talli l-konvenut ma ghandu jirrifondi xejn lill-attur talli l-istess attur ghad jonqsu jhallas il-bilanc rimanenti mill-prezz ta' Lm15,000 fuq dan it-truck;

- L-attur cahad li huwa qatt akkwista dan it-truck u baqa' jinsisti ghar-refuzjoni tas-somma ta' Lm7,000 izda, il-konvenut baqa' ma irrifondiex dan l-ammont;

- L-attur ghalhekk istitwixxa l-proceduri odjerni fil-konfront tal-konvenut.

**<u>Talbiet u eccezzjonijiet</u>**

2. Permezz ta' att ta' citazzjoni pprezentat fl-14 ta' Dicembru 2000 l-attur talab lill-Prim Awla tal-Qorti Civili

sabiex: (a) tiddikjara li qatt ma sehh bejgh bejn il-kontendenti tal-vettura tal-marka Magrius Deutz bin-numru ta' registrazzjoni B-CS 9388; u (b) tikkundanna lill-konvenut ihallsu lura s-somma ta' Lm7,000. Bl-ispejjez kontra l-konvenut, inkluzi dawk ta' l-ittra legali datata 8 ta' Novembru 2000, u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' l-att ta' citazzjoni sal-hlas effettiv.

3. Fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu tat-23 ta' Marzu 2001 (fol. 14 tal-atti) il-konvenut eccepixxa: (a) illi preliminarjament ic-citazzjoni kienet irrita u ghalhekk nulla u bla effett u dan stante li ma hemm ebda konnessjoni guridika jew imqar logika bejn il-premessi u t-talbiet attrici; (b) illi l-fatti dikjarati f'paragrafi 1 sa' 3 tad-dikjarazzjoni ta' l-attur kienu kompletament gratuwiti u minghajr ebda bazi fattwali jew legali u dan meta l-ebda haga minn dak imsemmi ma sehh fir-realtà; (c) illi l-kawza kienet biss tentattiv biex l-attur johrog minn irbit li dahal ghalih fir-rigward tal-bejgh tal-vettura ossia t-truck isemmi ghar-ragunijiet li jafhom hu, izda li presumibilment huma marbuta ma' nuqqas ta' fondi min-naha tieghu; (d) illi l-premessi attrici kienu biss storja li qatt ma tista' tigi sostnuta minn dokumentazzjoni jew provi ohra stante illi hija mahluqa unikament biex tiggustifika l-pozizzjoni ta' l-attur; (e) illi mhux talli l-konvenut ghandu jirrifondi flejjes lill-attur izda huwa l-istess attur li baqghalu xi jhallas fuq il-vettura ossia truck minnu stess imsemmi – ghalhekk it-talbiet ta' l-attur ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-istess attur.

## <u>Sentenzi</u>

4. B'sentenza moghtija fl-4 ta' April 2002 (fol. 61) giet deciza l-eccezzjoni dwar in-nullità ta' l-att ta' citazzjoni sollevata mill-konvenut. L-ewwel Qorti cahdet dik l-eccezzjoni, bl-ispejjez kontra l-konvenut, u ordnat li s-smigh tal-kawza jissokta bil-gbir tal-provi.

5. Minn dik is-sentenza ma gie intavolat ebda appell u ghalhekk illum ghaddiet in gudikat.

6. Bis-sentenza tal-4 ta' Lulju 2006 l-ewwel Qorti iddisponiet mill-kawza billi cahdet it-talbiet ta' l-attur, bl-ispejjez tal-kawza hlief ghal dawk già decizi, jithallsu minnu. Dik il-Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi mhux ikkontestat li bejn il-partijiet, jew ahjar bejn l-attur u l-kumpanija illi taghha l-konvenut hu direttur, Dive Factory Services Ltd, kien hemm relazzjoni ta' haddiem ma' min ihaddem, fis-sens li dik is-socjeta` kienet toffri servizzi ta' ghawm taht il-bahar partikolarment lit-turisti, u l-attur kien impjegat biex ikun hu fizikament li jghin fl-ghoti ta' dan is-servizz.

"Fil-kors ta' din ir-relazzjoni, l-attur ghadda lill-konvenut is-somma ta' Lm7,000, biex, skond l-attur, it-tnejn flimkien joholqu kumpanija gdida, li kellha tissemma Dive Culture Services Ltd, li kellha skop li toffri lill-klienti taghha servizzi ta' avventuri *jeep safaris* u xbidt fuq l-art, in partikolari, mal-irdum.

"Skond il-konvenut, is-Lm7,000 thallset lill-konvenut akkont ta' prezz ta' vettura (truck tat-tip Margius Deutz) li l-attur obbliga ruhu li jixtri bil-prezz ta' Lm15,000; dejjem skond il-konvenut, l-attur inghata konsenja ta' din il-vettura, izda, wara xi zmien, mar lura fuq il-ftehim, irritorna l-vettura lill-konvenut u baqa' ma hallasx il-bilanc tal-prezz.

"L-attur jghid li kien ftiehem mal-konvenut li jkollhom sehem indaqs fil-kumpanija 'l gdida, u li l-konvenut kellu jirriserva l-isem tal-kumpanija, Dive Culture Services Ltd, mar-Registratur tal-Kumpaniji. Hu kellem lill-accountant tieghu biex dan jiehu hsieb japplikalu ghal-business loan mal-bank. Il-business loan giet rifjutata, izda l-attur ha self personali ta` Lm7,000 li ghadda lill-konvenut ghall-iskop miftiehem. Bhala fatt, il-kumpanija Dive Culture Services Ltd qatt ma giet registrata, u l-anqas l-isem ma gie rizervat. Eventwalment, inqalghu xi differenzi bejn l-attur u l-konvenut, l-attur spicca mix-xoghol li kellu mal-kumpanija Dive Factory Services Ltd, u talab lura s-Lm7,000. Il-konvenut ma kellux flus x'jirrifondi, u offra li jghadillu t-

truck biex wara li jbieghu, jiehu l-flus li ghandu jiehu, u d-differenza jirritornhom lill-konvenut. Dan in-negozju, pero`, ma sehhx, u l-attur qed jinsisti li jiehu lura s-somma ta` Lm7,000.

“L-attur spjega wkoll li hu ftiehem mal-konvenut li juzaw zewg trucks ghall-kumpanija ‘l gdida, u peress li l-konvenut kellu gia truck ghad-disposizzjoni tieghu, li kellu jghaddi lill-kumpanija ‘l gdida, l-attur, kellu jinvesti bizzejjed flus fil-kumpanija biex jinxtara truck iehor. Il-konvenut indika li kien jaf li kien hemm truck disponibbli l-Germanja li kien jiswa Lm15,000. L-attur ta Lm7,000 lill-konvenut u l-bilanc kellu jhallashom mill-profitti tieghu mill-kumpanija ‘l gdida; il-konvenut tela` ghat-truck u nizzlu Malta. It-truck, meta ngieb Malta, baqa’ registrat fuq isem sidha u bi pjanci barranin, u, fil-fatt, fil-business proposal hemm registrat li dan it-truck, kull sena, kellu jinhareg minn Malta biex jigi evitat li jinqaleb ghal bi pjanci lokali.

“Ix-xhieda tal-attur hi korroborata minn missieru, Albert Critien, li ikkonferma li kien ghen lill-ibnu biex jipprova jiehu self ta’ Lm15,000, izda li giet approvata biss ghal Lm7,000. Ix-xhud jghid li tkellem ukoll mal-konvenut li serrahhlu rasu li dak li kienu qed jaghmlu kienu qed jaghmluh bhala partnership. Hu xehed ukoll li kemm-il darba tkellem mal-konvenut fuq il-kaz ta’ ibnu, izda l-konvenut qatt ma semmielu li ibnu kien xtara xi truck.

“Il-konvenut, min naha l-ohra, ma jaqbilx ma’ dan u jghid li hu kellu f`Malta truck li l-attur ried jixtri wiehed bhalu. Peress li kien jaf li habiba tieghu gewwa l-Germanja, certa Anita Finck, kellha truck simili, staqsieha jekk riedetx u b’kemm riedet tbieghu, u din accettat li tbieghu bi prezz ta` Lm15,000. L-attur accetta li jaghmel dan il-hlas, u tah Lm7,000 akkont. Kien hu li tela’ u nizzel il-vettura Malta. Il-konvenut jghid li veru kellu jiftah kumpanija gdida, izda mhux mal-attur, izda ma’ certu Andrew Borg; ghalih dehret Rita Vella, li tidher ghalih f`affarijiet ta’ negozju. Il-konvenut hu korroborat mill-imsemmija Rita Vella li qalet li meta il-konvenut tela’ l-Germanja biex igib it-truck, darba minnhom mar ikellimha l-attur u cemplet lill-konvenut biex tghidlu li l-attur ma kienx ghadu interessat f`xoghol ta’

bughaddas; waqt li kienet fuq il-linja, il-konvenut staqsieha jekk l-attur kienx ghadu interessat fit-truck, u l-attur wiegeb li iva. Hi tghid li darb'ohra, l-attur ta cwievet ta' xi truck lill-konvenut u dan, quddiemha, staqsieh kienx qed jifhem li t-truck kien tieghu (jigifieri, tal-attur) u hu kien ghad fadallu jhallas bilanc ta` Lm8,000 fuqu, u l-attur wiegeb li iva.

"Din ix-xhieda giet korroborata wkoll minn certu Lee Smallwood, li kien jahdem mal-konvenut, u li kien prezenti fiz-zewg okkazzjonijiet li saru d-diskorsi fuq riferiti.

"Mill-premess ghandu jidher car li l-kwistjoni bejn il-partijiet tirrisolvi ruhha f'wahda ta' kredibilita`, u dan peress li ma hemm ebda dokument li jista' jissuffraga tesi ta' xi parti jew ohra. Min-naha l-ohra, hemm diversi cirkustanzi fix-xhieda taz-zewg partijiet li jhallu dubbju dwar il-veracita` ta' dak li kien qed jinghad. Hekk, l-attur jghid li applika ghall-business loan minghand il-banek, izda ghalkemm jghid li kellu f'idejh dokumenti in konnessjoni ma' din il-business proposal, la ressaq dawn id-dokumenti u lanqas ma ipproduca bhala xhud lil xi ufficcjal tal-bank biex jipprova dan il-punt hekk importanti ghall-kaz tieghu. Meta missier l-attur ressaq affidavit dwar il-partecipazzjoni tieghu mal-banek, hu jindika li kien tkellem ma' ufficcjali tal-banek dwar *"self"*, u f'ebda stadju ma indika xi business proposal jew li ra l-pjan li kellu ibnu ghall-ftuh tal-kumpanija. Lanqas l-accountant li, skond l-attur, gie mqabbad biex jipprepara l-business proposal ma tressaq bhala xhud biex jispjega l-involviment tieghu fil-materja. Dawn in-nuqqasijiet, fil-fehma tal-Qorti, jdghajjfu mhux ftit it-tezi tal-attur.

"Min-naha l-ohra, il-konvenut mhux dejjem wera konsistenza fl-argumenti tieghu. Hu jghid li t-truck in kwistjoni hu ta' Anita Finck, izda zewg Avukati mqabbda minnu ma kienux fehmuh meta f'diversi dokumenti indikawh bhala s-sid tal-vettura. It-truck, fil-fatt, hu registrat fuq Anita Finck, pero`, hu nuqqas ukoll tal-konvenut li ma ressaqx ix-xhieda ta' din Ms. Finck.

"Il-konversazzjoni li jirreferu ghaliha kemm Rita Vella u Lee Smallwood hija fil-fehma tal-Qorti, vitali kontra t-tezi tal-attur. Dawn ikkonfermaw li l-attur ried *"jixtri"* t-truck u, wara, ammetta li t-truck hu tieghu. Meta xehed in kontro-ezami Lee Smallwood kien, ghall-ewwel, ftit ambigwu, dwar x'intqal, fit-tieni konversazzjoni. Hu xehed hekk: *"The conversation was about the truck. Nick wanted his money back. He did not want the truck because he did not want to operate further in this industry. Maik's reaction was that there was still money which was outstanding, about Lm8,000"*. Sa hawn, dan ir-rakkont hu pjuttost newtrali u ma jista jkun ta' ghajnuna ghall-ebda parti, pero`, meta l-istess Sur Smallwood gie mistoqsi jekk, f'dik il-laqgha, sarx diskors dwar min kien is-sid tat-truck, hu wiegeb li *"Maik asked Nick whether that was his truck, and he replied yes it was"*. Din ix-xhieda hi cara fl-implikazzjoni taghha, u, fil-fehma tal-Qorti, twaqqa' t-tezi attrici.

"Mghadud ma' dan, hemm ic-cirkostanza li l-attur applika ghal-licenzja biex ikun jista' jsuq truck, u c-cirkustanza li t-truck l-aktar li instaq kien mill-attur. Hu veru li dan it-truck intuza wkoll in konnessjoni mas-servizzi li kienet tofri s-socjeta` Dive Factory Services Ltd, fil-waqt li l-attur kien ghadu impjegat taghha, izda kif tifhem l-Qorti dak li gara, jidher li l-attur kien se jiftah negozju ghar-rasu in konnessjoni ma xbidt mal-irdum, u kien juza dan it-truck meta johrog klienti fuq avventura ta' din in-natura. Il-hsieb tieghu jidher li kien li, jekk u meta dan in-negozju tieghu jirnexxa, jitlaq mill-impieg li kellu minn mal-Dive Factory Services Ltd, u johloq il-kumpanija tieghu. Fil-frattemp, kien qed juza t-truck kemm ghan-negozju tieghu, kif ukoll in konnessjoni mal-impieg tieghu, u dan peress li, sa dak il-mument, ir-relazzjonijiet bejn il-partijiet kienet tajba. Jidher, pero`, li n-negozju 'l gdid tal-attur ma kienx qed jirnexxi, u tbieghed mill-hsieb li jirregistra l-kumpanija tieghu; hu spiccalu wkoll il-bzonn li jkollu dak it-truck, u ried ihassar in-negozju.

"Il-Qorti mhux, qed tghid li l-attur irid ihallas il-bilanc tal-vettura, ghax dan mhux il-meritu ta' din il-kawza, u tali talba jekk issir mis-sid tal-vettura trid tigi kkunsidrata fil-

proceduri appositi li jinfethu, mehud ukoll kont tac-cirkustanza li l-attur irritorna c-cavetta tat-truck u t-truck stess lill-konvenut, li baqa’ jzomm pussess tal-istess vettura. Il-meritu ta’ din il-kawza ma jikkoncernax il-vettura, izda hija t-talba tal-attur li jigi rifuz is-somma ta’ Lm7,000 li skond hu kienu depozitati mal-konvenut ghal business gdid li baqa’ ma ntfetahx. Huwa l-oneru tal-attur li jipprova dak li hu allegat minnu, izda l-Qorti hija tal-fehma li l-attur ma rnexxielux jipprova ghas-sodisfazzjoni taghha l-bazi tal-azzjoni tieghu. Kwindi, t-talbiet tieghu ma jistghux jigu milqugha.

“Anke il-mod kif saret ic-citazzjoni juri li l-attur kien qed ihossu dghajjef fil-pozizzjoni tieghu. Fil-waqt li fil-premessi ddikjara li hu kien ghadda Lm7,000 lill-konvenut biex titwaqqaf kumpanija, hu rabat it-talba ghar-radd lura ta’ dawn il-flus mad-dikjarazzjoni li qatt ma sar bejgh bejn il-kontendenti tat-truck in kwistjoni. Fil-waqt li, bhala fatt, ma giex konkjuz bejgh *“bejn il-kontendenti”*, kif jaqbel anke l-konvenut, mhux eskluz li setgha sar bejgh tal-vettura minn terz a favur l-attur. Din il-Qorti tirripeti li ma tistax u mhux se tidhol fil-kwistjoni tal-allegat bejgh tat-truck minn terza persuna. Li qed tiddeciedi din il-Qorti f’din il-kawza hu li t-talba tal-attur ghar-rifusjoni ta’ Lm7,000 marbuta ma’ suppost ftehim ta’ bejgh tat-truck *“bejn il-partijiet”* u/jew mal-kumpanija gdida li kellha tinholoq bejn il-partijiet, ma gietx sostnuta. Fi kliem iehor, mhux qed tghid li l-attur, forsi, m’ghandux dritt ghar-rifuzjoni tas-Lm7,000, izda qed tghid li dan id-dritt, jekk jezisti, mhux marbut mar-ragunijiet imressqa mill-attur.”

**Appell**

7. Mis-sentenza ta’ l-4 ta’ Lulju 2006 appella l-attur permezz ta’ rikors ipprezentat fl-24 ta’ Lulju 2006, u l-aggravji tieghu huma essenzjalment li l-Ewwel Qorti: (**a**) ghamlet apprezzament ghal kollox zbaljat tal-provi prodotti quddiemha; (**b**) ma gharfitx il-meritu proprju ta’ l-azzjoni attrici; u li l-Ewwel Qorti (**c**) tikkontradici lilha nnifisha fis-sentenza appellata. L-attur appellant qieghed ghalhekk jitlob li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u filwaqt

li tichad l-ecezzjonijiet tal-konvenut tilqa' t-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra l-konvenut appellat.

8. B'risposta pprezentata fit-28 ta' Awissu 2006, il-konvenut jopponi ghat-talba ta' l-attur u jitlob li s-sentenza appellata tigi kkonfermata fl-intier taghha bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur. Skond il-konvenut l-aggravji ta' l-appell sollevati mill-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

9. L-attur appellant jiftah is-sottomissjonijiet tieghu in sostenn ta' l-appell minnu interpost mis-sentenza ta' l-4 ta' Lulju 2006 bir-referenza ghall-principju guridiku li *mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' l-"in dubio pro reo". Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soggett ghall-izbalji tal-percezzjonijiet tieghu u ghall-passjoni, huma haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha … Meta l-kaz ikun hekk, il-Qorti m'ghandhiex taqa' comb fuq l-iskappatoja tad-dubju, imma ghandha tezamina bir-reqqa jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra anke fuq bilanc tal-probabilità u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawza civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant … Anzi, f'kazijiet bhal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn versjoni u ohra, aktar tidher il-possibilità tal-qerq da parti ta' xi wiehed mill-kontendenti* [1].

10. Il-kritika rivolta mill-attur appellant lejn l-ewwel Qorti hija wahda evidenti; huwa jikkontendi li rinfaccjata bil-versjonijiet konfliggenti tieghu u tal-konvenut appellat dik il-Qorti ma qisitx sew il-portata tal-provi prodotti quddiemha izda minflok irrikorriet ghall-iskappatojja tad-dubju u applikat il-principju *in dubio pro reo*.

[1] Fol. 254 tal-process.

11. Fil-fehma ta’ din il-Qorti l-kritika ta’ l-attur appellant fil-konfront ta’ l-ewwel Qorti hija ghal kollox ingusta u kwazi tirrazenta l-vessatorju, ghaliex minn qari anke superficjali tas-sentenza appellata huwa bil-wisq evidenti li dik il-Qorti ma rrikorrietx ghall-iskappatoja tad-dubju izda, ghall-kuntrarju, qieset bir-reqqa l-provi prodotti quddiemha u kien biss wara li kkunsidrat illi l-attur appellant ma rnexxilux jipprova b’mod sodisfacenti l-bazi ta’ l-azzjoni tieghu li cahdet it-talbiet attrici. Ghalhekk, il-principju applikat mill-ewwel Qorti ma kienx dak li *in dubio pro reo* – li, fil-verita`, hija espressjoni li ghandha tintuza fil-kamp penali u mhux fil-kamp civili – izda li l-attur ghandu l-oneru tal-prova ta’ l-allegazzjonijiet tieghu u fin-nuqqas ta’ tali prova t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda u dana fuq l-iskorta tal-massima maghrufa *actor non probante, reus absolvitur*. Zgur ma jistax jinghad illi l-ewwel Qorti applikat dan il-principju b’mod legger ghaliex hija waslet ghall-konkluzzjoni finali li l-attur appellant ma irnexxilux jipprova l-bazi ta’ l-azzjoni tieghu biss wara li ghamlet ezami minuzzjuz tal-provi prodotti quddiemha.

12. It-talbiet li kellha quddiemha l-Ewwel Qorti kienu sabiex tiddikjara li ma sehh ebda bejgh ta’ vettura bejn l-attur appellant u l-konvenut appellat u sabiex tikkundanna lill-konvenut appellat ihallas lura lill-attur appellant is-somma ta’ Lm7,000. Nonostante l-mod kif gew impostati t-talbiet attrici u nonostante dak pretiz mill-attur appellant fir-rikors ta’ l-appell tieghu, il-meritu proprju ta’ l-azzjoni odjerna ma hux dwar jekk l-attur appellant akkwistax vettura jew le. It-talba ta’ l-attur appellant ghall-hlas lura tas-somma ta’ Lm7,000 ma hijiex ibbazata fuq il-bejgh o meno ta’ vettura izda, fuq il-pretensjoni ta’ l-attur appellant li dik is-somma thallset minnu lill-konvenut appellat bhala depozitu akkont ta’ sehmu f’negozju li suppost inbeda bi shab bejnu u l-istess konvenut appellat, liema negozju izda baqa’ ma mmaterjalizzax.

13. L-Ewwel Qorti gharfet ben tajjeb x’inhi l-bazi propja ta’ l-azzjoni attrici u ghalhekk fil-provi prodotti mill-attur appellant gustament fittxet ghal fatti li jiggustifikaw tali pretensjoni u mhux tant jekk sehhx bejgh ta’ vettura jew le. Fid-dawl ta’ din il-konsiderazzjoni hija kompletament

zbaljata l-affermazzjoni ta' l-attur appellant li *gialadarba l-appellat kien qieghed jallega li kien sehh bejgh, l-oneru tal-prova kien jinkombi fuqu*[2].

14. Din l-affermazzjoni ta' l-attur appellant kienet tkun korretta biss kemm-il darba mill-atti processwali kellu jirrizulta fatt li juri *prima facie* li t-tezi tieghu hija sostnuta. Fil-kaz in ezami dana kjarament ma sehhx u ghalhekk l-ewwel Qorti kienet korretta f'li tinsisti li l-oneru tal-prova kien jinkombi fl-ewwel lok fuq l-attur appellant.

15. Kif gustament osservat il-Qorti ta' Prim Istanza, diversi fatturi ferm importanti ghat-tezi ta' l-attur appellant baqghu ma gewx minnu sodisfacentement ippruvati u dana minkejja li hu, in bazi ghad-dikjarazzjonijiet tieghu stess, seta' facilment iressaq xhieda u dokumentazzjoni opportuni in sostenn ta' dak minnu allegat. L-attur appellant xehed illi tant kien il-hsieb tieghu u tal-konvenut appellat li jinbeda negozju bi shab bejniethom u li s-somma ta' Lm7,000 thallset bhala depozitu akkont ta' sehmu f'dan in-negozju, illi inkariga *accountant* biex jippreparalu *business proposal* bl-iskop li jottjeni finanzjament mill-bank ta' Lm15,000 rapprezentanti s-sehem intier tieghu f'dan in-negozju. Xehed ukoll illi ghalkemm ma inghatax *business loan* ghal dan l-ammont irnexxielu jottjeni finanzjament personali ghas-somma ta' Lm7,000 biex b'hekk seta' jhallas depozitu fuq sehmu lill-konvenut appellat. L-attur appellant iddikjara wkoll li kellu f'idejh dokumenti in konnessjoni ma' dan il-*business loan*. Minkejja dan, kif sewwa rrilevat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, l-attur appellant *la ressaq dawn id-dokumenti u lanqas ma ipproduca bhala xhud lil xi ufficjal tal-bank biex jipprova dan il-punt hekk importanti ghat-tezi tieghu. Meta missier l-attur ressaq affidavit dwar il-partecipazzjoni tieghu mal-banek, hu jindika li kien tkellem ma' ufficjali tal-banek dwar "self", u f'ebda stadju ma indika xi business proposal jew li ra l-pjan li kellu ibnu ghall-ftuh tal-kumpanija. Lanqas l-accountant li, skond l-attur, gie mqabbad biex jipprepara l-business proposal ma tressaq bhala xhud biex jispjega l-involviment tieghu fil-materja.*

[2] Fol. 255 tal-process.

*Dawn in-nuqqasijiet, fil-fehma tal-Qorti, jdajfu mhux ftit it-tezi ta' l-attur* [3].

16. Fid-dawl ta' dan in-nuqqas ta' provi hekk importanti ghat-tezi ta' l-attur appellant, l-unika konkluzjoni gusta hija dik li waslet ghaliha l-Ewwel Qorti, u cioè li l-attur appellant ma rnexxilux jipprova l-bazi ta' l-azzjoni tieghu fil-konfront tal-konvenut appellat, u b'hekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda.

17. Huwa ghal kollox inutili ghall-attur appellant li jipprova jahbi l-fatt li ma irnexxilux jipprova l-bazi ta' l-azzjoni tieghu wara l-kritika, pjuttost specjuza, li l-ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament korrett tal-provi prodotti quddiemha. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-apprezzament tal-provi kif maghmul mill-Ewwel Qorti huwa korrett u s-sentenza appellata hija gusta. Huma l-pretensjonijiet imressqa mill-attur appellant quddiem din il-Qorti li huma insostenibbli u ghal kollox mhux konvincenti.

18. L-attur appellant jikkontendi wkoll li d-decizjoni finali ta' l-ewwel Qorti hija zbaljata ghaliex dik il-Qorti tat wisq piz lix-xiehda ta' Rita Vella u Lee Smallwood li skond hu, minhabba r-relazzjonijiet taghhom mal-konvenut appellat, ma humiex xhieda indipendenti w imparzjali anzi huma alleati ta' l-istess konvenut appellat.

19. Din il-Qorti ma taqbilx ma' din il-kontestazzjoni ta' l-attur appellant, anzi tikkunsidraha bhala guridikament zbaljata u ghal kollox mhux sostnuta mir-rizultanzi processwali. Huwa principju assodat fis-sistema guridika taghna li *ma ghandhiex tigi eskluza a fortiori xhieda korroborattiva semplicement ghax wiehed hu impjegat u l-iehor habib, jekk dawn ikunu qed jixhdu fuq fatti li jafu bihom. Lanqas ukoll, bla ebda gustifikazzjoni ohra, ma ghandha tigi mwarrba din l-istess xhieda ghax jigi semplicement insinwat li dawn xehdu l-falz. Mill-banda l-ohra però l-interess tax-xhieda hi wkoll cirkostanza li wiehed izomm in vista fl-evalwazzjoni ta' xhud, u jara mill-*

[3] Fol. 247 sa 248 tal-process.

*assorbiment tal-provi l-ohra, jekk dan huwiex, jew le, genwin u attendibbli*[4].

20. Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **J. Grima & Sons Limited v. Anton Agius, Citaz. Nru. 1863/97** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Jannar 2004, *certament illi l-interess hi cirkostanza li wiehed ghandu jzomm in vista fl-apprezzament ta' xhud, izda kif inghad (Vol. XLVIII P I p 581) dan ma ghandux jigi ezagerat u forsi lanqas hu gust li, bla ebda gustifikazzjoni ohra, jinsinwa li xhieda mhux kredibbli meta qed jixhdu fuq fatti li jistghu jixhdu fuqhom appuntu ghax inzertaw prezenti u minhabba f'hekk kienu korroboranti ta' dak affermat minn xi hadd fost il-partijiet*.

21. Minbarra dan meta l-kontestazzjoni ghas-sentenza appellata tkun dik li l-Ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament korrett tal-provi prodotti quddiemha, partikolarment meta dawn tressqu permezz ta' xhieda li xehdu viva voce quddiem dik il-Qorti, *hija prassi ormai stabbilita sew li* [il-Qorti ta' l-Appell] *ma tiddisturba qatt leggerment l-istess evalwazzjoni jekk mhux ghal xi raguni serja talment li tkun tiddetta xort' ohra. Dan ghaliex dik il-Qorti* [il-Qorti ta' Prim Istanza] *tkun qeghda fl-ahjar qaghda li tisma', tikkontrolla u tgharbel il-provi migjuba quddiemha* [5]*.*

22. Applikati dawn il-principji ghar-rizultanzi processwali u ghall-konsiderazzjonijiet li ghamlet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata dwar il-portata tal-provi prodotti quddiemha, din il-Qorti ma issib assolutament xejn x'ticcensura fil-mod kif dik il-Qorti apprezzat il-provi prodotti mill-partijiet kontendenti. Ghalhekk ma hemm ebda raguni ghalfejn din il-Qorti ghandha tiddisturba l-apprezzament u evalwazzjoni tal-provi kif maghmula mill-ewwel Qorti u konsegwentement thassar jew tvarja d-decizjoni moghtija minnha. Fl-ahharnett din il-Qorti tosserva li fis-sentenza appellata ma hemm ebda kunflitt

[4] **Alfred Camilleri noe v. Brian Borg et, Citaz. Nru. 1371/94** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Jannar 2004.
[5] **Laura Seguna et v. Francis Mallia et, Citaz. Nru. 304/97** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' April 2001.

fil-konsiderazzjonijiet li ghamlet l-ewwel Qorti dwar il-kaz li kellha quddiemha. Mill-gdid jinghad illi l-Qorti ta’ Prim Istanza gharfet sew fejn ried jasal l-attur appellant bl-azzjoni tieghu u fic-cirkostanzi, partikolarment fid-dawl tan-nuqqas assolut ta’ provi li sodisfacentement jissosstanzjaw il-pretensjonijiet attrici, ghamlet konsiderazzjonijiet korretti li wasluha ghall-unika konkluzjoni gusta. F’dan il-kuntest ukoll din il-Qorti taqbel perfettament ma’ l-osservazzjoni ta’ l-ewwel Qorti li *anke l-mod kif saret ic-citazzjoni juri li l-attur kien qed ihossu dghajjef fil-posizzjoni tieghu* [6]. Kemm-il darba l-attur appellant realment kellu provi li jissostanzjaw l-allegazzjonijiet u konsegwenti pretensjonijiet tieghu u b’hekk kien ihossu konvint mill-posizzjoni tieghu fil-konfront tal-konvenut appellat, huwa kien jifformula t-talbiet attrici b’mod konsistenti u mhux fil-korp ta’ l-att ta’ citazzjoni jippremetti li kien ghadda Lm7,000 lill-konvenut appellat biex titwaqqaf kumpanija bejniethom imbaghad jorbot it-talba ghar-radd lura ta’ din is-somma ma’ dikjarazzjoni li qatt ma sar bejgh bejn il-kontendenti tat-truck tal-marka Magrius Deutz bin-numru tar-registrazzjoni B-CS 9388.

23. Ghaldaqstant, l-aggravji kollha migjuba mill-attur fir-rikors ta’ appell tieghu qed jigu respinti bhala infondati.

**<u>Decide</u>**

*24. Ghall-motivi premessi tichad l-appell interpost mill-attur appellant u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta’ dan l-appell ghandhom jigu sopportati mill-attur appellant.*

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[6] Fol. 249 tal-process.